



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Diċembru 2010
(OR. en)**

17380/10

LIMITE

FISC 149

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Council
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta lill-Kunsill - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2010 l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) qabel dwar ir-rapport tiegħu lill-Kunsill (ECOFIN) kif jinsab fid-dokument 16766/10 FISC 139.
2. Sussegwentement il-President tal-Grupp ippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill (dok. 16769/10 FISC 140), li ġie diskuss mill-COREPER fl-1 ta' Diċembru 2010.
3. Fid-dawl tad-diskussjoni, il-Presidenza tippreżenta lill-Kunsill l-abbozz ta' konklużjonijiet li jidher hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Belġjana u jieħu nota tar-rapport kif jinsab fid-dok. 16766/10 FISC 139);

- jitlob lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja l-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-tnaqqis, kif ukoll biex ikompli bil-ħidma skont il-Pakkett ta' Ħidma maqbul mill-Kunsill (ECOFIN) fil-5 ta' Diċembru 2008 (dok. 16410/08 FISC 174);
- sabiex jiffaċilita l-ħidma tal-Grupp bi promozzjoni għall-adozzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta f'pajjiżi terzi, jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli d-diskussjonijiet mal-Isvizzera u l-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji u l-kriterji tal-Kodiċi kif mitlub mill-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fit-8 ta' Ġunju 2010 (dok. 10595/10 FISC 57) u biex iżżomm lill-Grupp infurmat regolarment dwar il-progress;
- jieħu nota li l-Presidenza Ungeriża ser tittratta l-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-Kunsill u jistieden lill-Presidenza Ungeriża tirrapporta lura lill-Kunsill sa tmiem il-Presidenza Ungeriża;
- jistieden lill-Grupp biex qabel it-tmiem tal-Presidenza Ungeriża jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

4. Il-Kunsill huwa mistieden biex jaqbel dwar dan l-abbozz ta' konklużjonijiet.
